MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2003

Numru 662/2003

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Chairmaine Bezzina, bint
Paul, imwielda Pieta' fis-17 ta'
jannar, 1980

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputata –

1. talli f'dawn l-aħħar ġimgħat fil-gżejjer maltin kellha fil-pussess tagħha r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza;

2. talli f'dawn l-aħħar ġimgħat f'diversi bnadi fil-gżejjer maltin kellha fil-pussess tagħha mediċina ristretta u psikotropika (ectasy) meta ma kienitx awtorizzata minn awtoritajiet kompetenti sabiex tkun b'dan il-pussess;

3. talli fis-7 ta' awissu, 2003 bejn it-8.00 a.m. u nofs in-nhar minn ġewwa l-lukanda San Ġorġ Corinthia, kamra 455 ikkomettiet serq ta' flus kontanti tal-valur ta' seba' mitt dollaru amerikan (USD700), valuta lokali Lm252, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna għad-dannu ta' Sharafan Roman.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' awissu, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat
l-lartikoli 261(ċ)(d), 267, 268(a), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 8(a)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 5(1) tal-A.L. 22 ta'
l-1985, l-artikoli 35(b) u 89(a) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 u tikkundannaha għal sitt xhur priġunerija. Rat
l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma sseħħx ħlief jekk fi perjodu ta' sena mil-lum tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------